MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-26 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 131/2006

Joseph Dalli u b'digriet tal-25 ta' Settembru 2006 l-atti ghaddew fil-persuna ta' Jeremy u Dorian ahwa Dalli u martu Anna Dalli
vs
Alex Grech

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

1. Illi huma kienu azzjonisti fis-socjeta` Dalmat Limited (numru ta' registrazzjoni C3698), liema socjeta` kienet, hi stess, azzjonista ewlenija fis-socjeta` Italian Catering Company Limited (C4184).

2. Illi fis-27 ta' Lulju, 2001 ir-rikorrenti, flimkien maz-zewg azzjonisti l-ohra ta' Dalmat Limited, ittrasferew lill-intimat Alex Grech, hamsa u hamsin elf, u hames mitt

(55,500) sehem ta’ natura ordinarja li din il-kumpanija kellha f’Italian Catering Company Limited (Dok A).

3. Illi bhala parti mill-korrispettiv li kellhon jircevu r-rikorrenti minghand l-intimat ghal dan it-trasferiment, kien hemm l-ammont ta’ mitt elf lira (Lm100,000).

4. Illi l-intimat Alex Grech iddelega l-hlas ta’ dan l-ammont lil certu Andrew Vaswani li ffirma u accetta kambjala fl-istess ammont pagabbli lir-rikorrenti (Dok B), datata 21 ta’ Lulju, 2001.

5. Illi din il-kambjala giet sostitwita b’zewg kambjali ohra (Dok C) fl-ammont ta’ hamsin elf lira (Lm50,000) kull wahda, mahruga favur ir-rikorrenti, u inoltre l-partijiet iffirmaw skrittura privata datata 20 ta’ Ottubru, 2001 (Dok D). Dan fil-prezenza ta’ l-intimat u ohrajn.

6. Illi sussegwentement, dan l-istess Andrew Vaswani, hallas lir-rikorrenti s-somma ta’ elf Lira (Lm1,000) (Dok D). Wara, hareg ukoll hdax-il cheque fl-ammont komplessiv ta’ disgha u disghin elf Lira (Lm99,000) (Dok E), u dan ghamlu, kif qal l-istess Vaswani, in garanzija tal-pagament kollu ta’ l-ammont dovut.

7. Illi nonostante li l-kambjali skadew, dawn baqghu ma thallsux, la mir-rikorrenti u wisq inqas min harighon u ffirmahom. Ic-***cheques*** surriferiti gew ***referred to drawer***.

8. Illi xhur wara dan, Andrew Vaswani hallas lir-rikorrenti s-somma ta’ sitt elef u hames mitt Lira (Lm6,500). Minn dak iz-zmien, l-intimat ma hallas xejn izjed.

9. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti baqghu ma thallsux dak li hu dovut lilhom, u cioe`, tnejn u disghin elf, u hames mitt Lira (Lm92,500).

10. Illi r-rikorrenti jafu personalment b’dawn il-fatti kollha.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

1. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' tnejn u disghin elf, u hames mitt Lira (Lm92,500) lilhom dovuta bhala bilanc minn prezz ta' bejgh lill-intimat ta' ishma fil-kumpannija f'Italian Catering Company Limited, kif suepost.

2. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti l-imghax skond il-ligi mid-data li l-pagament kien dovut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' l-intimat Alex Grech li biha espona:

1. Illi preliminarjament jehtieg li l-atti jigu legittimati stante li r-rikorrenti Joseph Dalli miet.

2. Illi subordinament u fil-mertu, kif jirrizulta mid-Dok A ipprezentat mir-rikorrenti stess, l-intimat ma akkwistax l-ishma tas-socjeta` Italian Catering Company Limited minghand ir-rikorrenti izda minghand is-socjeta` Dalmat Limited. Ir-rikorrenti ghalhekk m'ghandhom l-ebda dritt jipproponu din il-kawza u per konsegwenza t-talbiet taghhom ghandhom jigu michuda.

3. Illi subordinament u minghajr pregudizzju kull somma dovuta mir-rikorrenti ghall-akkwist ta' l-ishma tas-socjeta` Italian Catering Company Limited tinsab imhallsa; dan kif jirrizulta mir-ricevuta annessa mar-risposta rilaxxata minn Joseph Dalli u li kopja taghha giet esebita bhala Dok AG1.

4. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-permess ir-rikorrenti ma jistghux jitolbu l-protezzjoni u l-ghajnuna ta' din il-Qorti meta mill-allegat komportament taghhom stess iddefrodaw lill-Gvern minn eluf kbar ta' liri

f'***capital gains tax***; haga li diga tirrizulta ovvja mid-dokumenti li huma stess pprezentaw u cioe` mid-Dokument A li juri li bejgh sar ghal Lm70,000 meta fir-rikors mahluf huma qeghdin jitolbu somma superjuri ghal tali prezz.

5. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premessi kull ammont li talvolta jista' jkun dovut lir-rikorrenti ghandu jithallas minn Andrew Vaswani u mhux mill-intimat.

6. Illi subordinament u minghajr pregudizzju l-intimat m'ghandu jaghti xejn lir-rikorrenti.

7. Salv kull risposta ulterjuri jekk u meta jkun il-waqt.

8. Illi dwar il-fatti kollha dwar it-talba l-intimat jiddikjara:

(1) Illi jidher li hu pacifiku bejn il-kontendenti li s-socjeta` Dalmat Limited kienet l-azzjonista ewlenija fis-socjeta` Italian Catering Company Limited.

(2) Illi l-intimat xtara l-ishma fis-socjeta` Italian Catering Company Limited minghand is-socjeta` Dalmat Limited u mhux minghand ir-rikorrenti; dan jirrizulta mid-Dok A ipprezentat mir-rikorrenti stess.

(3) Illi fil-bidu l-intimat kien avvicinat minn certu Pawlu Vassallo li staqsieh jekk kienx interessat li jixtri l-Café Roma u l-lukanda li hemm fuqu, liema immobbli jinsabu f'Ghar id-Dud, Tas-Sliema.

(4) Illi dawn l-immobbli kienu jappartjenu lis-socjeta` Italian Catering Company Limited li l-ishma taghha kienu jappartjenu lis-socjeta` Dalmat Limited.

(5) Illi s-socjeta` Dalmat Limited kienet tappartjeni inkwantu ghal 40% lir-rikorrenti Joseph Dalli, inkwantu ghal 40% lil Marthese Mattei u inkwantu 20% lil Tessie

Dalli. Dawn it-tliet persuni wkoll l-unici diretturi ta' Dalmat Ltd.

(6) Illi l-imsemmi Pawlu Vassallo introduca lill-intimat ma' Joseph Dalli.

(7) Illi l-intimat qal lil Joseph Dalli li ghalkemm hu kien interessat li jixtri s-socjeta` Italian Catering Limited minghand Dalmat Ltd ma kienx f'posizjoni li jaghmel hekk qabel Frar 2002 f'liema zmien kellu jigbor Lm100,000 minghand certu Andrew Vaswani.

(8) Illi Joseph Dalli wiegeb li Dalmat Ltd riedet tbiegh dak il-hin u li ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-Lm100,000, rapprezentanti parti mill-prezz miftiehem, jehodhom minghand Andrew Vaswani billi jidhol fi ftehim mieghu direttament.

(9) Illi din il-proposta kienet accettabbli mill-imtimat.

(10) Illi Joseph Dalli beda jinsisti li bhala prezz titnizzel is-somma ta' Lm70,000 sabiex b'hekk tigi ffrankata minn Dalmat Ltd il-***capital gains tax***. L-intimat ma sab l-ebda problema ghal dan stante li hu ma kienx sejjer jissellef mill-bank sabiex jakkwista l-ishma f'Italian Catering Company Limited.

(11) Illi fil-fatt il-prezz dikjarat kien ta' Lm70,000 kif jirrizulta mid-Dokument A ipprezentat mir-rikorrenti.

(12) Illi ghar-rigward dik il-parti tal-prezz illi Joseph Dalli accettata li ghandha tithallas minn Andrew Vaswani huwa beda jinsisti bil-qawwa kollha mal-intimat illi la martu (ir-rikorrenti l-ohra) u lanqas uliedu ma kellhom ikunu jafu b'dawn il-flus.

(13) Illi fil-fatt saret skrittura ghand in-Nutar Mario Bugeja (Dok AG2) bejn Vaswani u Dalli direttament u Vaswani ghadda kambjala ta' Lm100,000 lil Joseph Dalli, kopja ta' liema kambjala giet esebita mir-rikorrenti stess bhala Dok B. L-intimat la ffirma l-iskrittura Dok AG2 u wisq u wisq anqas il-kambjala.

(14) Illi xi zmien wara l-intimat iltaqa' mar-rikorrenti Anna Dalli u qalilha bil-kambjala.

(15) Illi sussegwentement sar jaf illi Vaswani u z-zewg rikorrenti marru ghand in-Nutar Mario Bugeja u qasmu l-kambjala ta' Lm100,000 fis-sens li Vaswani hareg kambjala ta' Lm50,000 favur Joseph Dalli u ohra ghall-istess ammont favur Anna Dalli. Kopja ta' dawn il-kambjali gew esebiti mir-rikorrenti bhala Dok C filwaqt illi l-iskrittura datata 20 ta' Ottubru 2001 giet ukoll esebita tar-rikorrenti bhala Dok D. Kuntrajament ghal dak li ntqal fir-rikors mahluf l-intimat ma ffirmax l-iskrittura tal-20 ta' Ottubru 2001 (Dok D). Fil-fatt lanqas biss kien presenti meta saret.

(16) Illi minn informazzjoni li ghandu l-intimat, Andrew Vaswani hallas lir-rikorrenti ammont superjuri minn dak li gie indikat fir-rikors guramentat.

(17) Illi l-intimat jaf personalment bil-fatti msemmija f'din ir-risposta.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat illi fis-27 ta' Settembru, 2006 l-ewwel eccezzjoni giet irtirata.

Rat l-affidavit ta' Jeremy Dalli li fih issemma li Dorian Dalli, huh u hu assumew l-atti tal-kawza, flimkien ma' ommhom Anna Dalli, wara li missierhom Joseph Dalli miet fid-9 ta' Lulju, 2006. F'Awissu tas-sena 2000 hu kien impjegat ma' Italian Catering Co. Ltd. li kienet proprjeta` ta' Dalmat Ltd.

Din is-socjeta` kellha bhala azzjonisti lil missieru, liz-zija tieghu Marthese Mattei u n-nanna tieghu Tessie Dalli. Dalmat Ltd. kienet proprjetarja u tiggestixxi l-Hotel Roma u Cafe` Roma f'Ghar il-Lembi Street, Sliema. F'Lulju tal-2001 sar il-bejgh tal-Hotel Roma u Cafe` Roma lil Alex Grech. Jiftakar li missieru ried ibiegh peress li ma kienx f'posizzjoni finanzjarja tajba peress li l-kumpanija kellha diversi kredituri. Dan il-bejgh sar permezz ta' trasferriment ta' l-ishma li l-familja tieghu kellha fis-socjeta` Italian Catering Ltd. Missieru kellu jithallas ghall-sehemu kif gej, trasferiment mill-intimat lill-missieru ta' garaxx fix-Xemxija b'valur ta' Lm60,000. Kellu wkoll ihallas is-somma ta' Lm142,900. Minn din is-somma, l-intimat hallas Lm42,000 li marru ghand xi kredituri, inkluz id-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Ghalhekk kien fadal bilanc ta' Lm100,000. Jiftakar li missieru qallu li kien sejjer ghand l-intimat biex jaghtih kambjala ghal dan l-ammont. Fil-fatt, meta mar lura, kien qallu li Alex Grech kien qal lil certu Andrew Vaswani, sabiex johrog il-kambjala hu peress li Vazwani kellu jaghti xi flus lil Grech. Missieru wrieh kambjala mahruga minn Vaswani favurih fl-ammont ta' Lm100,000. Il-pagament fuq il-kambjala kellu jsir sena wara. Qabel ma ghalqet is-sena, b'rizultat tal-problemi finanzjarji li kellu missieru, ir-relazzjoni bejn missieru u ommu f'daqqa wahda hzienet. Ghalhekk saret talba lil Alex Grech sabiex minflok il-kambjala ta' Lm100,000, jinhargu zewg kambjali ta' Lm50,000 il-wahda. Fl-20 ta' Ottubru 2001, kellhom laqgha fl-ufficju tan-Nutar Mario Bugeja. F'din il-laqgha kien hemm hu, huh, ommu, missieru, l-***accountant*** taghhom Mark Hili u Alex Grech. Vaswani ma kienx hemm. Alex Grech ta lil missieru zewg kambjali fl-ammont ta' Lm50,000 kull wahda u pagabbli fl-1 ta' Lulju 2002, wahda f'isem missieru u l-ohra f'isem ommu. Il-genituri tieghu ffirmaw ukoll skrittura bhala konferma tal-hrug tal-kambjali. Wara li skadew dawn il-kambjali, huma rcevew minghand Vaswani pagament ta' Lm1,000. Wara Andrew Vaswani hareg cekkijiet li jammontaw ghal Lm99,000. Dawn ic-cekkijiet kienu mqassmin tnejn f'isem Jeremy Dalli ghal Lm20,000, tnejn f'isem huh li jammontaw ghal Lm19,000, wiehed f'isem Dalli Investments Ltd, li jammonta ghal Lm10,000, wiehed f'isem CD Holdings li jammonta ghal

Lm10,000, tnejn f'isem ommu li jammontaw ghal Lm20,000 u tnejn f'isem missieru li jammontaw ghal Lm20,000. Hu u huh kienu marru l-bank biex isarrfu c-cekkijiet kollha izda l-kaxxier qalilhom li ma kienx hemm fondi bizzejjed u c-cekkijiet gew ***referred to drawer***. Ippruvaw jikkomunikaw ma' Vaswani, izda ma rnexxilhomx. Jaf ukoll li missieru kien kellem lill-intimat u dan qallu li Vaswani kien se jhallsu. Fil-fatt f'diversi okkazzjonijiet kien hallas xi flus li jammontaw ghal Lm6,500. Ftit wara Vaswani kien sparixxa minn Malta. Fis-sajf ta' l-2005, marru l-ghassa tas-Sliema u kellmu lill-Ispettur Zammit fejn spjegawlu kollox. Hu kien kellem lil Andrew Vaswani dwar il-kaz u f'din il-laqgha Vaswani baqa' jwieghed li kien se jhallas, izda meta ikkonfrontat mill-Ispettur Zammit qal li finalment il-flus dovuti minn Alex Grech ghax hu kien dak li xtara l-lukanda. Missieru miet fid-9 ta' Lulju 2006 u dejjem stqarr maghhom li hu qatt ma kien iffirma ebda karti ohra dwar dan it-trasferriment apparti d-dokumenti li huma ipprezentaw fil-Qorti. Gimgha qabel ma bdiet tinstema' din il-kawza, Paul Vassallo mar ghandhom u taghhom kopja ta' karta li allegatament kienet iffirmata minn missieru. Sabuha stramba hafna kif din il-karta harget fil-berah biss ftit gimghat wara l-mewt ta' missieru u mhux qabel. Anke fir-risposta ghall-kawza li ghamlu, kienet prezentata bhala dokument. Lanqas meta ltaqghu mas-sur Grech fil-Qorti fil-prezenza ta' l-avukat taghhom, xhur qabel ma saret il-kawza, din il-karta ma ssemmietx.

Rat l-affidavit ta' <u>Dorian Dalli</u> li fih semma x'kien gara u li kien miet missieru, Joseph Dalli. Missieru u l-azzjonisti l-ohra kienu bieghu l-kumpanija Italian Catering Limited lil Alex Grech. Grech kien qal lil certu Vaswani, li kellu jaghti xi flus lil Grech, sabiex dak li kellu jaghtih ihallsu lill-missieru. Inharget kambjala ta' Lm100,000 f'isem missieru li mbaghad tbiddlet fit-tnejn ta' Lm50,000 il-wahda wara li ommu m'accettatx li l-kambjali tkun f'isem missieru biss. Sadanittant Vaswani li kien diga hareg il-kambjala ta' Lm100,000 iffirma l-kambjali l-godda fl-ammont ta' Lm50,000 kull wahda u pagabbli fl-1 ta' Lulju 2002, wahda f'isem missieru u l-ohra f'isem ommu. In segwitu kienu hargu minflokhom diversi cekkijiet izda

meta marru l-kaxxier qalilhom li ma kienx hemm fondi biex jissarrfu. Wara xi zmien Vaswani kien hallas ammont zghir ta' madwar Lm6,500 u baqghu jinsistu ghall-kumplament. Grech baqa' jippersisti li Vaswani kien se jhallas u baqghu bit-tama li ha jithallsu imma ftit wara Vaswani kien sparixxa minn Malta.

Rat l-affidavit ta' Anna Dalli mart Joseph Dalli li fih issemma li r-ragel taghha flimkien ma' ohtu Marthese Mattei u ommu Tessie Dalli kienu l-azzjonisti ta' Dalmat Ltd. Din il-kumpanija kienet propjetarja tad-Dolceria Italiana kif ukoll ta' l-Italian Catering Co. Ltd. li kienet proprjetarja u tiggestixxi l-Hotel Roma u Caffe` Roma f'Ghar il-Lenbi Street, Sliema. F'Lulju ta' l-2001 ir-ragel kien qalilha li kien hemm xi hadd interessat fix-xiri tal-Hotel Roma u Café Roma. Dak iz-zmien in-negozju ma kienx tajjeb hafna u r-ragel kien qalilha li kien ikun hafna ahjar ghalihom li kieku bieghu kollox. Tiftakar li xi gimgha wara, saret taf li l-kumpanija nbieghat lil Alex Grech. Dan il-bejgh sar permezz ta' trasferiment ta' l-ishma li kellhom fis-socjeta` Italian Catering Ltd. Hi qatt ma kienet involuta la fin-negozjati u lanqas fit-trasferiment ta' l-ishma. Ir-ragel kien qalilha li kellhom jithallsu permezz ta' trasferiment mill-intimat lilhom ta' garaxx fix-Xemxija b'valur ta' Lm60,000. Kellu wkoll ihallas is-somma ta' Lm142,900. Minn din is-somma, l-intimat hallas Lm42,000 li marru ghand xi kredituri, inkluz id-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Ghalhekk, kien ghad fadal bilanc ta' Lm100,000. Tiftakar li r-ragel kien mar ghand Alex Grech u inghata kambjala ghal dan l-ammont. Hu kien qalilha li Alex Grech kien qal lil certu Andrew Vaswani, sabiex johrog il-kambjala hu peress li dan Vaswani kellu jaghti xi flus lil Grech. Dak iz-zmien hi u r-ragel taghha kienu ghaddejjin minn zmien naqra difficli, u talbitu jinhargu zewg kambjali minflok wahda biex hekk ikollha wahda ta' Lm50,000 f'isimha. Wara sena, kif skadiet il-kambjala, it-tfal iltaqghu ma' Vaswani li taghhom Lm1000 kontanti u kien hareg numru ta' cekkijiet li jammontaw ghal Lm99,000. It-tfal marru jsarrfu dawn ic-cekkijiet imma l-kaxxier qalilhom li ma kienx hemm fondi biex jissarrfu.

Xehed Paul Vassallo li semma li lil Joseph Dalli llum mejjet kien jafu iktar mis-Sur Grech. Is-Sur Dalli kien habib tieghu hafna u kull darba kien jghidlu li ghandu bzonn ibiegh il-lukanda ried inehhi l-blokka kollha. Qal li kumbinazzjoni hu ma kienx ilu li ghamel xi negozju mas-Sur Grech u kien kellmu b'dan il-fatt li l-blokka tal-Cafe` Roma kienet ghall-bejgh. Qal li n-negozju kien sar bejn il-partijiet jigifieri bejn is-Sur Joseph Dalli u s-Sur Grech izda s-Sur Dalli kien rabtu biex ma jghid lil hadd fir-rigward ta' dan in-negozju li kien ser jsir bejn Dalli u Grech u qallu biex ma jghidx la lill-mara tieghu u lanqas lit-tfal tieghu. Din qalielu hafna drabi. Gie mistoqsi jekk wara li sar in-negozju bejn Dalli llum mejjet u Grech, it-tfal ta' Dalli qatt kellmuhx dwar finanzi li kellhom jiehdu minghand is-Sur Grech u hu rrisponda li Grech kien tah somma sostanzjali lil Dalli imma mbaghad tah ukoll cedola fl-ammont ta' Lm5000, qal li din kien jaf biha izda kienet Andrew Vaswani. Minn dak inhar ma semmielu xejn iktar. Meta nghatat din ic-cedola hu kien prezenti quddiem in-Nutar Mario Bugeja. Qal li dak inhar kienu prezenti n-Nutar, hu, Vaswani, is-Sur Grech u s-Sur Dalli. Qal li kien hemm hekk prezenti dak inhar ghax is-Sur Dalli talbu biex imur mieghu. Ma jafx din ic-cedola thallsitx jew le. Li jaf huwa li t-tfal ta' Dalli qalulu li ghandhom jiehdu minghand Vaswani. Qal li hu qatt ma tkellem fuq il-flus mas-Sur Grech. Meta mar sab lit-tifel ta' Dalli, Dorian u meta wrieh id-dokument l-ewwel reazzjoni ta' Dorian qallu li din il-firma mhux ta' missieru. Jaf li sussegwentement marru ghand il-pulizija. Il-pulizija baghtu ghalih ukoll u rrilaxxja ***statement,*** intalab kopja u hu kien ser jesebiha bhala Dok PA1. In kontro ezami qal illi meta s-Sur Dalli qallu biex ma jurix fir-rigward tal-bejgh tal-Cafe` Roma lill-mara tieghu u lit-tfal tieghu ma tahx raguni. Qal li ma riedx jghid lill-mara tieghu zgur u lanqas lit-tfal. Mistoqsi jekk is-Sur Grech gieghlx jew sforza lis-Sur Dalli biex jaccetta din ic-cedola f'isem Vaswani qal li le. Waqt il-kuntratt meta kien prezenti hu ra kollox normali u ma kien hemm sfurzar ta' xejn. Vaswani kien ser jaghtih Lm100,000 u Joe Dalli accetta dan.

Xehed l-ispettur Angelo Gafa` stazzjonat fis-sezzjoni ta' kontra r-reati ekonomici tal-pulizija li semma li min-naha

taghhom ir-rikorrenti Jeremy Dalli kif ukoll Dorian Dalli kienu ghamlu rapport fis-27 ta' Settembru 2006 fejn f'dan ir-rapport sostnew li kellhom suspett li firma fuq dokument li allegatament kienet ta' missierhom kienet falza. Gie muri dokument a fol 22 ta' l-ispoll u fil-fatt ikkonferma li dan huwa d-dokument in kwistjoni, fir-rigward tal-firma li tidher fl-ahhar ta' din l-iskrittura. Qal li f'dan id-dokument hawn imnizzel li sar ***in full and final settlement***. Qal izda li l-ahwa Dalli kienu qalulu li kien hemm xi LM100,000 li ghadhom pendenti. Huma spjegawlu li fil-fatt fir-rigward ta' dan l-ammont pendenti ta' Lm100,000 li certu Vaswani kellu LM50,000 pendenti ma' ommhom u Lm50,000 pendenti ma' missierhom u hareg zewg kambjali. Fit-12 ta' Novembru 2006 kien interroga lil Alex Grech. Dan kien ikkonferma li kien xtara l-Hotel Roma pero` kien innega li kien iffalsifika dan id-dokument. Issa bi zball, kien qallu wkoll li s-somma miftehma kienet ta' LM250,000 li minnhom kien hallas LM150,000 u l-kumplament, il-LM100,000 kienu saru dawn il-kambjali li ssemmew qabel. Fil-fatt qallu li dak id-dokument li ghamel referenza ghalih qabel fejn allura kien hemm miktub li ***Dalli was paid in full and final settlement***, dan irrefera biss ghal LM150,000 u dan ikkonfermalu li fil-fatt il-Lm100,000 kienu ghadhom pendenti. Biss kienu saru dawn il-kambjali bejn Vaswani li kellu jaghti lil Alex Grech u allura Alex Grech illum il-gurnata ma kellu xejn x'jaghti lil Dalli ghaliex il-kambjali kienu diretti bejnhom u bejn Vaswani. Dak il-kompromess kien intenzjonat biss ghal LM150,000 u ikkonferma li l-LM100,000 kienu ghadhom dovuti. Lilu qallu wkoll li peress li kienet saret kawza civili, kien ta struzzjonijiet lil Vaswani sabiex ihallas lil Dalli halli jigi stabbilit min huwa d-debitur, jekk hux hu jew Vaswani. Jigifieri Vaswani kien qata' xi haga minn din is-somma ta' Lm100,000, xi eluf zghar dak id-dokument kien jirreferi biss ghal LM150,000 u dan Alex Grech jaf li l-kumplament huwa dovut imma huwa dovut minn Vaswani. L-original tad-dokument qatt ma gieipprezentat lilu. Alex Grech kien qallu li gurnata minnhom kien fil-fatt fil-Hotel Roma u kien halla xi dokumenti warajh fuq xi mejda, inkluz id-dokument originali u sakemm mar lura dan sab li dawn l-affarijiet flimkien ma' xi affarijiet ohra kienu nsterqu. Kien qallu pero` li kemm l-avukat Dr. Pierre Lofaro, in-nutar Dr.

Mario Bugeja u habib tal-mejjet certu Vassallo kienu kollha raw id-dokument originali, ghalkemm hadd minnhom ma kien ra lil Dalli jiffirmah. Ghal rigward il-firma fejn saru l-allegazzjonijiet, ma setghuwx jikkonkludu li kienet firma falza u nfurmaw lill-kwerelanti li ma kienu ser jittiehdu ebda proceduri kriminali u dan wara li kienu hadu parir mill-Avukat Generali.

Xehed l-ispettur Daniel Zammit u qal illi madwar xi sena u nofs ilu kienu kellmuh certu Jeremy u Dorian Dalli u kienu qalulu li ghandhom jiehdu xi flus, fl-ammont ta' xi Lm100,000, dwar bilanc fuq bejgh ta' hotel, li kien baqa' bilanc x'jithallas ta' Lm100,000. Dawn spjegawlu wkoll li dak iz-zmien meta kien sar dan il-ftehim, Alex Grech kellu jigbor somma simili ta' Lm100,000 minghand certu Vaswani. Fil-fatt meta marru jkellmuh, dawn Jeremy u Dorian urewh zewg kambjali ta' LM50,000 il-wahda li kienu f'isem Vaswani u kien tahom lil Alex Grech u mbghad kien ghaddiehom lil John Dalli. Imbaghad eventwalment dan Vaswani kien ghaddielhom ghaxar cekkijiet ta' LM10,000 il-wiehed bhala hlasijiet ta' dawn il-kambjali li dawn ic-cekkijiet kienu ***jibbowncjaw*** minn kont ghax ma kienx hemm fondi fl-***account***. Eventwalment meta fittxewh u sabuh ghax Vasawni jsiefer hafna, kienu baghatu ghalih l-ghassa kienu laqqghuh ma' l-ahwa Dalli, tkellmu dwar kif ser jithallsu u dan kien qalilhom li hu ma kienx ghamel ***business*** maghhom ghaliex huwa fil-fatt ma kellux jaghtihom lilhom ghax il-***hotel*** kien xtrah certu Alex Grech minghand missierhom u mhux hu.

Xehed Alex Grech li ikkonferma r-risposta guramentata. Gie muri lilu Dok A a fol 5 ta' l-ispoll. Dan id-dokument qed jghid li hu akkwsista 55,500 ***share*** minghand Dalmac Limited u dawn is-***shares*** kienu fis-socjeta` Italian Catering Company Limited. Qal li hu xtara din l-Italian Catering Company Limited ghaliex kellha l-blokka kollha jigifieri bil-lukanda fuqha. Gie mistoqsi fir-rigward ta' Marthese Mattei u qal li jidhirlu li tigi oht Joseph Dalli u din kellha 40% ta' Dalmat Limited. Tessie Dalli tigi omm Joseph Dalli u kellha 20% ta' Dalmat Limited. Ma' Marthese Mattei u ma' Tessie Dalli hu ma ghamel l-ebda ***deal*** separat u dan ghaliex Dalli kien qallu li kien ser

jiddilja hu ghalihom. Hu d-dejn tieghu sar biss ma' Joseph Dalli. Qal li hu originarjament kien mar ikellem lil Joseph Dalli flimkien ma' certu Paul Vassallo li kien qallu u staqsieh jinteressahx jixtri din il-blokka li kienet ghall-bejgh. Qal li mbaghad huma kienu marru jitkellmu ma' Joseph Dalli u kien talbu cifra ta' Lm250,000. Imbaghad sar jaf li fuq din il-blokka kien hemm 18-il sena cens. Qal li hu lil Dalli qallu li din l-offerta kienet tinteressah izda li xi hmistax qabel hu kien xtara mahzen fix-Xemxija bil-prezz ta' Lm100,000 u kellu jiehu l-ammont ta' Lm100,000 minghand certu Vaswani s-sena ta' wara. Dalli qallu biex jahsibha u biex jerga' jmur ikellmu l-ghada. Qallu wkoll li kien jaccetta li jaghmlu dan id-***deal*** jigifieri din il-blokka tinbiegh ghall-ammont ta' Lm250,000 u l-arrangament sar hekk kif miftiehem bejniethom li huwa jigifieri ser jiehu Lm100,000 jigifieri ser jiehu l-mahzen li hu kien ghadu kif xtara u l-LM100,000 kien ser jehodhom diretti minghand certu Vaswani. Jigifieri dawn il-LM100,000 kien ser jehodhom is-sena ta' wara. Hallas Lm7000 lil Pawlu Vassallo u dan peress li huwa kellu jiehu l-flus minghand Joseph Dalli u l-ammont ta' Lm3400 hallsu lil certu wiehed maghruf bhala t-Tikka u dan ghaliex milli qalulu kien inaddfilhom xi twapet. Fit-tieni gurnata meta ftehmu Joseph Dalli kien qallu li ftehmu fir-rigward ta' dan id-***deal*** izda bil-patt u kundizzjoni li lill-mara ma ried jaghtiha xejn u lit-tfal tieghu ma riedx jurihom. Fil-fatt kienu marru ghand in-nutar Mario Bugeja – hu, Pawlu Vassallo, Joseph Dalli u Vaswani. Kienet saret l-iskrittura Dok AG2 (fol 23 tal-process). Ikkonferma li din kienet l-iskrittura li saret dak inhar. Qal li l-iskrittura giet iffirmata min-nutar, minn Dalli u minn Vaswani. Hu min-naha tieghu ma ffirmax ghax ma kellux x'jaqsam maghha din l-iskrittura. Din l-iskrittura fil-fatt kienet titkellem fuq il-kambjala ta' Lm100,000 li kellha tkun mahruga minn Vaswani favur Dalli. Hu mbaghad qallu biex jaghmillu karta li tghid li hu m'ghandux iktar x'jaghtih. Hemmhekk ma kienx hemm ***computer*** u qabad zewg karti minn taht il-bank tar-***reception*** u kiteb hu b'idu li speci ma kellux izjed x'jaghtih. Wahda zammha hu u wahda zammha Dalli. Il-kambjala ta' LM100,000 sussegwentement inqasmet fi tnejn ta' Lm50,000 meta kienet marret il-mara ta' Joseph Dalli l-hanut tieghu u hu mar fuqha u qalilha biex jekk

kumbinazzjoni jigri xi haga lir-ragel dak ghandu kambjala ta' Lm100,000. Din qaltlu li ma tafx biha. Hu qalilha dak ghandu kambjala ta' LM100,000 u telaq. Sadanittant wara xi xahrejn, iltaqa' ma' Vaswani u dan qallu li ghajtulu biex imur ghand in-Nutar Bugeja biex jaqleb il-kambjala ghall-LM50,000 u Lm50,000. Hu lanqas biss kien jaf biha. Qal li l-Lm100,000, dawn kien responsabbli ghalihom Vaswani. Alex Grech in kontro-ezami qal li hu nnegozja fuq il-kwistjoni tal-Café Roma anke ma' Renato Mattei. Qal li il-karta a fol 22 kienu serquhielu.

Xehed Andrew Vaswani u qal illi hu kellu ammont li kien pagabbli lil Alex Grech. Imbghad Alex Grech kien talbu biex johrog kambjali fir-rigward ta' l-ammont dovut lilu, lis-Sur Joseph Dalli ghax kien ghamel xi ***business*** mieghu. It-tieni pass kien li marru ghand in-nutar Bugeja u ghamlu skrittura li hu kien iffirma. Prezenti dak inhar quddiem in-nutar kien hemm hu, is-Sur Alex Grech, is-Sur Joseph Dalli u s-Sur Paul Vassallo. Gie riferut ghad-dokument a fol 23 tal-process ta' l-spoll u gharaf dan id-dokument u kkonferma l-firma tieghu fuq dan id-dokument. Dan kien id-dokument li ffirma dak inhar quddiem in-nutar apparti l-kambjala. Gharaf il-kambjala datata 21 ta' Lulju 2001 fl-ammont ta' Lm100,000. L-***understanding*** bazikament fir-rigward ta' dawn iz-zewg dokumenti dak inhar kien li minflok hu jhallas dan l-ammont ta' Lm100,000 lil Alex Grech ihallsu lil Dalli. Gharaf il-firma tieghu fuq dan id-dokument. Imbghad l-izvilupp li kien hemm wara din id-data tal-21 ta' Lulju 2001 li kien imsejjah minn Joseph Dalli u Dorian Dalli fejn din il-kambjala ta' Lm100,000 tinqasam fi tnejn ta' Lm50,000 f'isem Mr. Joseph Dalli u f'isem Mrs. Anna Dalli. Dak inhar f'dik it-tieni okkazzjoni kien hemm prezenti in-nutar, hu, Mr. Joseph Dalli u Mrs. Anna Dalli. Milli jiftakar is-Sur Alex Grech ma kienx prezenti dak inhar. Gie muri wkoll id-dokumenti a fol 8 tal-process u ikkonferma li dawn huma zewg kambjali li ffirma f'din id-data u ikkonferma l-firma tieghu fuqhom. Minhabba li f'dawn l-ahhar snin ghadda minn krizi finanzjarja hu ma setax jonora l-obbligazzjonijiet tieghu. L-ammont ta' Lm100,000 li kellu jaghti lis-Sinjuri Dalli, hu hallas ammont ta' LM12,500. Dawn hallashom permezz ta' 4 pagamenti differenti. Wiehed ta' Lm1,000, wiehed ta'

Lm1,500, u tnejn ta’ Lm5,000 kull wiehed. Gie riferut ghad-dokument AG7 esebit fil-process u qal li iva dan huwa l-ahhar pagament li hareg. Hu min-naha tieghu ipprova jaghmel ftit iktar pagamenti. Kien jaf li s-Sur Grech qieghed imressaq il-Qorti permezz ta’ din il-kawza u ipprova jkellem ukoll lil Dorian Dalli izda qallu jew jhallas kollox jew xejn. Qal li l-perjodu meta beda jkollu krizi finanzjajra kien fl-ahhar tat-2001

Xehed in-<u>Nutar Mario Bugeja</u> fejn gie muri l-iskrittura a fol 23 tal-process ta’ l-ispoll u qal li dak inhar kienu gew quddiemu sempliciment biex jikkonfermaw li kienet harget kambjala minn Vaswani favur Dalli. Qal li prezenti kien hemm Vaswani, Dalli u Alex Grech zgur. Gie muri kambjala ta’ LM100,000 a fol 7 tal-process u qal li din ma saritx quddiemu. Fil-fatt innota li d-data tghid 21 July 2001 u quddiemu marru fit-23 July 2001 izda fl-iskrittura li ghamlilhom hu ghamel referenza ghaliha. Il-kwistjoni kienet fuq il-Cafe` Roma. Is-Sur Alex Grech kien ta lis-Sur Dalli garaxx ix-Xemxija u mbaghad kienu ftehmu bejniethom illi kien baqa’ Lm100,000. Il-Lm100,000 kellu jaghtihomlu s-Sur Vaswani lis-Sur Dalli, dak hu d-diskors li sar quddiemu. Il-garaxx kellu jdur fuq is-Sur Dalli, dan kien xi garaxx kbir fix-Xemxija. Gie riferut ghac-cekk esebit bhala Dok AG6 u qal li dak ic-cekk kitbu hu. Issa mabghad li jiftakar li kienu marru ghandu Vaswani, is-Sinjura Dalli, xi hadd minn uliedha, is-Sur Dalli u kienu marru biex jaghmlu xi skrittura. Gie muri lilu skrittura a fol 9 u 10 tal-process u qal li kienu bidlu l-kambjala ta’ Lm100,000 li semma qabel u ghamluha fi tnejn ta’ Lm50,000. Il-partijiet, Joseph Dalli, Anna Dalli u Andrew Vaswani, kienu quddiemu u qrahielhom u ffrimawha. In kontro ezami qal li meta ltaqghu mas-Sur Dalli, id-diskors kien li jidhol Vaswani flok Alex Grech fuq dawk il-LM100,000. L-iskrittura sa fejn jaf hu tghid sempliciment li jonora l-kambjala. Fl-iskrittura lanqas hemm referenza ghall-bicca xoghol ghall-ftehim ta’ bejn Grech u Dalli lanqas imma jaf li kienet konnessa maghha.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi l-azzjoni rikorrenti saret stante li r-rikorrenti ipprocedew f’dan il-kaz ghall-ammont ta’ tnejn u disghin elf u hames

mitt Liri Maltin (LM92,500), ammont dovut wara l-bejgh tal-ishma tas-socjeta` Dalmat Limited, liema ishma gew trasferiti lill-intimat Alex Grech. Stante li Alex Grech kien iddelega l-hlas ta' mitt elef Liri Maltin (LM100,000) lil certu Andrew Vaswani li ffirma u accetta kambjala fl-istess ammont, izda l-atturi baqghu ma thallsux dan l-ammont, ipprocedew ghas-somma rimaneneti dovuta lilhom fl-ammont ta' tnejn u disghin elf, u hames mitt Liri Maltin (LM92, 500).

Min-naha l-ohra, l-intimat eccepixxa li r-rikorrenti m'ghandhomx interess guridiku stante li l-intimat ma akkwistax l-ishma tas-socjeta` minghand ir-rikorrenti izda minghand is-socjeta` Dalmat. Di piu`, eccepew li l-ammont kollu dovut mill-intimat gie mhallas. Gie eccepit ukoll li l-ammont li kien deher fuq il-kuntratt kien ta' sebghin elf Liri Maltin (LM70,000), u dan biex tigi skuzata l-***Capital Gains Tax***, u ghalhekk issa m'humiex f'pozizzjoni li jistitwixxu din il-kawza. Gie eccepit ukoll li kull ammont dovut lir-rikorrenti ghandu jithallas minn Vaswani u mhux mill-intimat.

***D1. Legittimazzjoni atti:***

L-ewwel ecezzjoni tal-konvenut hija dwar il-htiega tal-legittimazzjoni ta' l-atti stante l-mewt ta' Joseph Dalli. Izda dawn illum saru u fis-27 ta' Settembru 2006 il-konvenut irtira din l-eccezzjoni.

***D2. Akkwist ta' l-ishma:***

Kif jirrizulta mid-depozizzjonijiet l-attur kien ittrasferixxa ishma li l-familja tieghu kellha fis-socjeta` Italian Catering Limited lill-konvenut u ta' dawn kellu jithallas lura l-ammont ta' Lm60,000 garaxx fix-Xemxija, Lm42,000 li kellhom jithallsu ghal taxxi u jifdal bilanc ta' Lm100,000 li kellhom jinghataw permezz ta' kambjali. Dan gie konfermat ukoll kemm minn Jeremy Dalli kif ukoll minn Dorian Dalli u Anna Dalli u b'ebda mod kontradett mill-konvenut.

***D3. Interess Guridiku:***

Jibda biex jinghad li dwar il-kuncett tal-interess guridiku fil-kawza fl-ismijiet **Giulia Maria Millard vs George Said et**

**noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Superjuri [LXXII-I-II-299] inghad li biex wiehed jista' jinghad li ghandu interess guridiku li jipproponi azzjoni, hemm bzonn li l-kawza li jipproponi tkun tista' tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.

Fil-kawza fl-ismijiet **Alexander Eminyan vs John Mousu` pro et nomine** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Superjuri fit-28 ta' Frar, 1997 [LXXXI-11-429] gie ritenut li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.

L-interess irid ikun guridiku, cioe` ibbazat fuq xi dritt pretiz lez ta' l-atturi. (**Mattirolo** Vol. I pag.50; **Mortara** VolI p.588;). Il- **Mattirolo** f'dan ir-rigward jispjega illi:
"L'azione compete soltanto e tutela dei diritti; l'interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d'altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` 'injuria datum', se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto."

Il-ligi qieghedha hemm biex tipprotegi dak l-interess li ghandu dritt bhala bazi tieghu. Huwa ghalhekk, li jinghad li l-interess huwa l-mizura ta' l-azzjoni.

L-interess irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali cioe` jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt. (Ara **Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et noe** deciza mill-Qorti ta' L-Appell fid-29 ta' Jannar 1997). Illi minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett ta' l-attwalita` tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u

mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jonqos, il-konsegwenza hija li l-konvenut jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Hekk gie ritenut fil-kawza **Joseph Sammut et noe. vs Carmelo Attard** Appell Civili datat 17 ta' Frar 1993.

Illi gie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, u jista' jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghall-jedd morali jew suggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku. (Ara **Axiaq vs Mizzi noe et** Prim Awla Qorti Civili deciza fit-13 ta' Ottubru 1952, **Scolaro vs Bailey,** Appell Civili deciz fil-15 ta' Dicembru 1932, **Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin,** Prim'Awla Qorti Civili deciz fit-28 ta' Marzu 2003).

Dan il-principju gie ribadit fil-kawza **Falzon Sant Manduca vs Weale,** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun guridiku, jigifieri jkollu l-elementi mehtiega biex isawru l-interess ta' l-attur, izda dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku. Il-Qrati taghna, sahansitra taw decizjonijiet fis-sens li persuna ghandha interess li tigi msejha fil-kawza anke fen la tista' tirbah il-kawza u lanqas tista' tigi kkundannata, imma biss ghaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet taghha u ghall-integrita` tal-gudizzju. (Ara **Lawrence Farrugia vs Joseph Fava** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Mejju 1995).

Ghalhekk jekk wiehed jipprova jigbor dawn il-principji fil-qasir wiehed jista' jghid li l-interess guridiku:

- irid ikun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghall-ksur ta' jedd u jibqa' jezisti fil-kors kollu tal-kawza]
- irid ikun dirett
- irid ikun legittimu [konformi ghal dritt ta' l-attur, u mhux biss interess]
- irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]
- l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta' vantagg u utilita`

- ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta’ vjolazzjoni ta’ xi dritt li jappartjeni lill-attur
- il-kawza li jipproponi tkun tista’ tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.
- Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir
- Ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista’ jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv.

Illi fil-kaz in ezami, il-kawza giet istitwita mir-rikorrenti ghall-ammont li ghadu dovut lilhom wara l-bejgh tal-Hotel Café Roma lill-intimat, fejn l-ishma tas-socjeta` Dalmat gew trasferiti lill-intimat. Ghaldaqstant, gie eccepit li r-rikorrenti mghandhomx interess guridiku peress li l-intimat akkwista minghand is-socjeta` Dalmat u mhux minghand ir-rikorrenti innifishom. Huwa ovvju u mhemmx bzonn ta’ elaborazzjoni li r-rikorrenti ghandhom interess fl-ezitu tal-kawza. Ir-rikorrenti ghandhom interess attwali li kien jezisti meta giet proposta l-kawza; dan l-interess mhux biss ekonomiku izda huwa wiehed dirett, legittimu u guridiku. Ukoll, hemm ness guridiku bejn l-agir allegatament konness mill-intimat u l-pregudizzju allegatament subit mir-rikorrenti konsegwenzjali ghal tali agir. Ghalkemm, ta’ min ighid, li dan l-agir tal-intimat, fil-kaz odjern ma jistax jitqies abuziv jew illegali, peress li tali agir kien frott tac-cirkustanzi tal-kaz. Dan iwassal biex il-Qorti tichad l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ interess guridiku tar-rikorrenti.

***<u>D4. L-ammonti dovuti lill-atturi huma dovuti minn Andrew Vaswani; Novazzjoni:</u>***

Hawnhekk, il-Qorti ha tezamina kuncett iehor li gie sollevat fir-risposta intimat. Dan, fis-sens, li gie eccepit li kull ammont li seta’ jkun dovut lir-rikorrenti ghandu jithallas minn Andrew Vaswani u mhux mill-intimat. Ghalhekk, l-intimat sostna li m’ghandu jaghti xejn lir-rikorrenti. Illi ghalhekk, irid jigi deciz jekk il-kambjali li saret minn Vaswani fir-rigward tar-rikorrenti Joseph Dalli u Anna Dalli ghall-ammont ta’ hamsin elef Liri Maltin kull

wiehed peress li kien hemm mitt elf Liri Maltin dovuti, jikkostitwux novazzjoni ai termini tal-ligi.

Illi n-novazzjoni hija deskritta mit-**Torrente:**
**"**La novazione ……. e` un contratto con il-quale I soggetti di un rapporto obligatorio sostituiscono un nuovo rapporto a duello originario."

Illi din in-novazzjoni tista' ssir ai termini tal-artikolu 1179 tal-Kap 16 billi:
a) "meta d-debitur jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid, u dan jigi mqieghed flok il-qadim li jispicca:
b) "meta d-debitur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, illi jigi mehlus mill-kreditur."
c) "meta bis-sahha ta' obbligazzjoni gdida, kreditur jigi mqieghed flok il-qadim , li lejh id-debitur jigi mehlus."

L-Artikolu 1180(2) jiddisponi li:
"Hija mhix prezunta; l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car."

Kif ukoll, l-Artikolu 1181(1):
"Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni qadima ma tigix maqtula, ghalkemm tigi mbiddla."

U l-artikolu 1181(2):
"It-tismija wahedha, maghmula mid-debitur, ta' persuna li ghandha thallas minfloku, ma ggibx in-novazzjoni."

Fil-kaz fl-ismijiet **Paul Kolvdrovich vs Carmelo Muscat,** Appell Civili datat 25 ta' Mejju 1956:
"hemm novazzjoni oggettiva meta ssir obbligazzjoni gdida li tigi sostitwita ghall-ohra pre-ezistenti, u b'hekk tigi estinta, u b'ligi espressa n-novazzjoni ma tistax tigi prezunta, u l-animus novandi ghandu jirrizulta b'mod car u univoku. In-novazzjoni oggettiva tacita ghandha tirrizulta minn inkompatibilta` bejn l-'**id quod actum est'**, u l-eskluzjoni tal-volonta` li ssir novazzjoni, u mhemmxnovazzjoni jekk l-obbligazzjoni antika ma tigix maqtula, imma semplicement modifikata, ghaliex billi ssir xi modifikazzjoni fi ftehim, ma tavverax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir

obligazzjoni gdida in sostituzzjoni ghall-antika, li tigimill-partijiet imhassra.”

Dan il-principju gie applikat ukoll f’bosta sentenzi ohra. Fil-fatt, intqal:
“la concessione di una dilazione in difetto di altre circostanze non importa una novazione.” (Kollez. Vol. III p.506) u “la semplice riduzione importa solo una modalita` e` non estingue la obbligazione.” (Kollez. Vol. XXI p.483).

F’dan il-kuntest, ta’ min isemmi li l-***animus novandi***, irid ikun komuni ghaz-zewg kontraenti, u hekk rapprezentanti dik il-volonta` li l-obbligazzjoni precedenti tigi estinta. Dan irid jirrizulta b’mod inekwivoku u jrid jigi pruvat mill-fatti konkluzivi tal-kaz.

Fir-rigward ta’ dan inghad ukoll li n-novazzjoni ma tistax tigi prezunta, dan ghaliex in-novazzjoni tikkostitwixi rinunzja tad-drittijiet tal-kreditur ghal obbligazzjoni ohra. **“**il est de principe que les renonciations ne se presunant pas” (Carbonier).
Dan gie ribadit ukoll fis-sentenza **Carmelo Farrugia vs Annetta Galea et,** deciza mill-Prim’ Awla Qorti Civili fil-11 ta’ Gunju 1959:
“Biex ikun hemm novazzjoni bit-tbiddil tad-debitur jehtieg li d-debitur il-gdid jigi mqieghed flok il-qadim, u dan jigi mehlus mill-krditur. It-tismija wehidha maghmula mid-debitur ta’ persuna li ghandha thallas minfloku ma ggibx novazzjoni, imma huwa indispensabbli l-kumpens tal-kreditur biex tigi operata n-novazzjoni, u d-delegazzjoni li biha d-debitur jaghti lill-kreditur tieghu debitur iehor li jintrabat lejn il-kreditur ma ggibx novazzjoni jekk il-kreditur ma jkun iddikjara espressament il-volonta` tieghu li jehles lid-debitur li jkun ghamel id-delegazzjoni.”

Ricentement, intqal fil-kawza **Franco Busuttil noe vs Anthony Mallia** Kummerc datat 25 ta’ Marzu 1993:
“biex ikun hemm novazzjoni hemm bzonn li jkun hemm l-inkompatibilita` tal-ezistenza taz-zewg obbligazzjonijiet u f’kaz ta’ dubju, in-novazzjoni ghandha tigi eskluza.”

(Kollezz. Vol. XXXIV p.II.p.657, Vol XLVIII, p.IIp.794, Vol. L p.I p.412).
(Ara wkoll **Joanna Briffa vs Bernard Gauci et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Gunju 2005, u **John's Garage Limited vs Nicholsons Supermarket Limited,** deciza mill-Qorti Tal-Appell fit-22 ta' Gunju 2005).

Illi fil-kaz in ezami, l-intimat sostna li saret novazzjoni b'mod li l-obbligazzjoni tieghu li jhallas ir-rimanenti mitt elf Liri Maltin (Lm100,000) mis-somma totali ta' mitejn u hamsin elf Liri Maltin (Lm250,000) giet maqtula permezz tal-kambjala mahruga minn Vaswani fl-ammont ta' mitt elf Liri Maltin (Lm100,000), li sussegwentement inbidlet f'zewg kambjali ta' hamsin elf (Lm50,000) f'isem John Dalli u Anna Dalli. Illi kif diga enuncjat hawn fuq, dan irid jirrizulta b'mod ekwivoku u ma jistax ikun prezunt. Illi hawnhekk, ta min ighid li x-xhieda li ta n-Nutar Mario Bugeja hija ta' relevanza kbira ghal dan il-punt. Hu rrefera ghall-iskrittura li kienet saret quddiemu u kkonferma hekk: "Fl-iskrittura, lanqas hemm referenza ghal ghal bicca xoghol ghal ftehim ta' bejn Grech u Dalli lanqas imma naf li kienet konnessa maghha." (a fol 82).
Jigifieri ladarba ma tirrizultax mill-iskrittura, in-Nutar sostna biss li ntqal id-diskors verbali quddiemu.

Issa hawnhekk, ta min ighid ukoll li Alex Grech, ikkonferma meta mistoqsi dwar dan Vaswani: "Nghid li fil-bidu tan-negozjati, Dalli kien ghadu ma semax b' Vaswani, mta mbaghad irrangajna dwar in-negozju sema' bih." Jigiefieri, li ssir modifikazzjoni fil-ftehim tan-negozjati bejn il-partijiet, kif jidher li sar fil-kaz ***de quo***, ma jikkostitwix novazzjoni, hekk kif gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana citata hawn fuq.

Sussegwentement, Alex Grech kompla:
"Nghid li jiena mbaghad lil Dalli peress li hu ma riedx jghid lil hadd, ghidtlu biex jaghmilli karta fejn tghid li jiena mghandix iktar x'naghtih u din il-karta hija esebita a fol 22….." Fir-rigward ta' din il-karta din sparixxiet". .
(Dan ifisser li l-prova li saret in-novazzjoni ma tirrizultax, stante li din il-karta baqghet ma nstabitx a fol 89).

Di piu`, jirrizulta fil-kaz in ezami li tirrizulta car l-intenzjoni tar-rikorrenti, il-kredituri in kwistjoni, li jzommu ferm id-debitu rimanenti wara l-bejgh tal-ishma tas-socjeta` in kwistjoni, tant li zammu ferm id-dritt taghhom li jkomplu jipprocedu kontra l-intimati.

Ghalhekk ma hemm ebda novazzjoni.

***<u>D5. Sinifikat tad-Dokument AG1 a fol 22:</u>***
Fit-tielet lok il-konvenut eccepixxa li kull somma dovuta ghall-akkwist ta' ishma tas-socjeta` Italian Catering Company Limited tinsab imhallsa u rrefera ghar-ricevuta rilaxxata minn Joseph Dalli. Is-sinifikat li jrid jinghata ta' dan id-dokument li wara kollox ma gie prodott ebda originali tieghu izda kopja fotostatika b'firm allegatament ta' Joseph Dalli jitkellem dwar hlas izda rrizulta car fil-kors tal-kawza li dan jeskludi l-ammont imholli fil-kambjali. Infatti kien sar il-hlas ta' xi taxxi kif ukoll it-trasferiment tal-garaxx u dan kien ihalli propju l-ammont ta' Lm100,000 pendenti, liema ammont kien kopert bil-kambjali. Dan b'ebda mod ma gie kontradett mill-istess konvenut ghax it-tezi ta' l-istess konvenut hi bazata fuq il-fatt li huwa Vaswani li ghandu jaghti u mhux hu. Ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.

***<u>D6. Hlas tal-Capital Gains:</u>***
Il-konvenut eccepixxa li l-atturi ma setghux jitolbu l-protezzjoni tal-Qorti meta huma kienu ddefrawdaw lill-Gvern f'***Capital Gains Tax***. Illi l-Qorti ghandha l-provi li jinstabu fil-process inkluz li hemm kambjali ghall-ammont dovut u ghalhekk m'ghandhiex provi sufficjenti biex tilqa' din l-eccezzjoni u ghalhekk tichadha. Ukoll il-konvenut ma ppromwova ebda azzjoni li xi trasferiment jigi dikjarat null.

***<u>D7. L-ammont ghandu jithallas minn Vaswani:</u>***
Il-hames ecezzjoni tal-konvenut hija fis-sens li kull ammont li talvolta jista' jkun dovut ghandu jithallas minn Vaswani u mhux minnu. Dan gja gie ezaminat taht D4 hawn fuq.

***<u>D8. Eccezzjoni li sar il-hlas:</u>***

Jinghad li l-iskrittura a fol 22 tal-process hija biss kopja fotostatika u l-original ma giex esebit b'mod li meta l-espert kalligrafiku zamm l-ewwel seduta harget il-verzjoni li d-dokument kien misruq. Il-konvenut fil-fatt ammetta li d-dokument kien jirreferixxi ghall-Lm150,000 li kienu thallsu izda mhux ghall-Lm100,000 li kienu ghadhom ma thallsux u li kienu koperti bil-kambjali. Ix-xhieda tan-Nutar dwar dan l-aspett kif ukoll l-investigazzjonijiet tal-Pulizija jirrendu dan car. Infatti ta' min josserva li l-konvenut gieli sostna li m'ghandux ihallas, gieli li hallas kollox u ghandu ricevuta u gieli li ma kienx hu li kellu jhallas. Kif inghad fuq novazzjoni ma saritx u l-fatt li Vaswani kien ser jghaddilhom il-hlas ma kenitx xi haga li giet accettata minn Joseph Dalli u li ghalhekk illiberat lill-konvenut mir-responsabilta` tal-hlas u ghalhekk Grech jibqa' responsbabli ghall-pagament ta' l-ammont li rrizulta f'bilanc ta' Lm92,500.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u peress li t-talbiet ta' l-attur jidhru gustifikati tilqaghhom u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm92,500, ossija €215,467.04. Bl-imghaxijiet.

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------